# ZORRO

Sketch ta' tfajjel.

**Ta' J.P. Vassallo**

*Għal James*

Għaddejt narah: ġie jiġri biex jilqagħni
Bix-xabla f'idu sabiex ibeżżagħni.

Taħt nitfa maskra sewda jleqqu għajnejn
Li jsebbħu t-tbissima tax-xofftejn

Imbexxqa bħal blanzun, kulur il-qroll
Jistiednu it-tagħniq u l-bews ukoll.

Maqfula m'għonqu kappa sewda ttir
biż-żeta bajda mħarbxa b'ġibs jew ġir.

Jaqbeż u jiġri u jitla' mat-turġien,
Jistaħba mal-purtieri u x'naf jien.

Issa jwerżaq donnu xi għafrid
Ixejjer xabla aħrax u mqit.

Sieket imbagħad u ġwejjed bħal ħalliel
Jirfes bla ħoss sabiex jiskansa xkiel.

Hekk igħaddi s-sigħat bla ħjiel ta' sabar
Sakemm bil-lejl ġo soddtu jmur jinġabar.

Igerger talb, għajnejh mitlufa ngħas,
Bil-mod il-mod tibda titqal ir-ras.

Jesus and Mary ... bless ... Daddy and Mummy
u jqiegħed siksnijiet ġo ħalqu d-dummy.

Jittajjar fuq il-ħolm tal-fantasija
Ma' Żorro u Don Diego u s-Sur Garcia.